MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Numru 1099/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Richard Mercieca, iben
Victor, imwieled Pieta'
fit-22 ta' lulju, 1966

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli, il-ħadd, 17 ta' ottubru, 2004, fuq il-monti ta' San Ġakbu, il-Belt, Valletta xjentement qegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq u cioe' ħamsin (50) CD tal-mużika, tlett mija u wieħed u disgħin (391) CDs konsistenti f'software tal-'Playstation' u tlett mija u tlieta u għoxrin (323) DVD;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
3. talli sar reċidiv skond l-artikolu 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' ottubru, 1999 u tat-12 ta' mejju, 2000 liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tħassar il-liċenzja, jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien, fid-diskrezzjoni tagħha, hekk kif ikkomtemplat fl-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom f'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 298(1)(f), 298(B)(1), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' disa' mitt lira maltin (Lm900). Tordna u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tal-provvediemnti tal-kapitolu 441 tal-liġijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------